MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 2929/1997/1

**Frances Meilaq**

**v.**

**Frans Meilaq**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, servizzi (*sic*) gravi, ingurji, vjolenza u nsulti kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu li

kellha u kienet kostretta li tmur tghix mal-genituri taghha; li miz-zwieg hemm tifel minuri Rodrick ta' tnax (12) il-sena u li kif ordnat il-Qorti preseduta fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili akkordat il-kustodja tieghu ma l-omm (a)ttrici f'din il-kawza; li l-konvenut ghadu jgawdi mid-dar matrimonjali ghaliex baqa' jghix hemm u dan wahdu, u li l-beni kollha li jiffurmaw parti mil-komunita ta' l-akkwisti u wkoll diversi oggetti ta' valur gholi li huma propjetà parafernali ta' l-attrici ghadhom fil-pussess assolut tieghu; li l-attrici giet konformament u debitament awtorizzata skond digriet taghha (*sic*) preseduta mill-Qorti Sekond Awla tal-Qorti Civili kif renovat b'digriet numru 1503/97 liema kopja legali hija annessa mac-citazzjoni, u dan biex hi tipprocedi ghas-separazzjoni personali; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: (1) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti; (2) takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Roderick f'idejn l-attrici; (3) tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifel minuri taghha; (4) tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut; (5) tikkundanna sabiex fl-iqsar zmien possibli jikkonsenja lill-attrici u dan fi zmien perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat, okkorendo permess (*sic*) ta' perit nominand; bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni no. 4294/96; il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel illli z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment, izda dan ma garax bi htija ta' l-eccipjent imma bi htija ta' martu l-attrici.

. Meta kienet ghadha tghix taht l-istess saqaf mieghu, kienet tahqru mentalment u xxewwex lit-tifel kontrih u bil-mohbi kellha hbiberiji zejda ma' irgiel ohra; u

. Meta telqet mid-dar matrimonjali, bdiet tghix ma' wiehed minn dawn l-irgiel, cioè Charles Camilleri, li minnu ghandha tarbija.

2. Illi l-akkuzi ta' "sevizzji gravi, ingurji, vjolenza u nsulti" huma totalment inveritieri, tant illi l-eccipjent gie ddikjarat mhux hati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'zewg kawzi separati minn zewg Imhallfin differenti. Dan juri kemm l-eccipjent ilu jsofri akkuzi foloz mill-attrici u minn ommha Mary Micallef;

3. Illi l-ewwel talba mhix opposta; it-tieni talba hija sorpassata ghaliex Roderick illum ghandu hmistax-il sena; it-tielet talba ghandha tigi michuda peress li l-eccipjent qed ihallas manteniment ghal ibnu biss puntwalment, waqt li lill-attrici qed imantniha Camilleri apparti li hi ghandha impieg mal-Gvern; ir-raba' talba u l-hames talba ghandhom jigu michuda peress li l-attrici hadet il-ligi b'idejha meta hadet kull ma riedet mid-dar konjugali meta zewgha ma kienx prezenti u ghalhekk m'ghadx hemm oggetti x'jinqasmu, filwaqt li d-dar konjugali qed jghix fiha hu;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tletin (30) ta' Novembru, 2004 illi permezz taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ikkonkludiet hekk:

"… taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kol[l]ha tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tastjeni milli tiehu konjizjoni tat-tieni talba attrici u tichad it-tielet talba attrici u tilqa' it-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici biss fis-sens hawn deciz b'dan li qed jigi ddikjarat li kien principalment l-agir tal-konvenut li wassal ghal din il-firda ta' bejn il-partijiet u dan

minhabba sevizzi, mohqrija u ngurji gravi inkluzi wkoll vjolenza domestika pperpetwata minnu fuq martu, li kkonstringew lill-attrici li tabbanduna ghal raguni valida d-dar konjugali - b’konsegwenza ta’ dan kollu l-hajja konjugali bejn il-konjugi saret impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment. Illi fit-tieni lok waqt li l-istess partijiet kienu separati *de facto* jirrizulta li l-attrici rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta’ adulterju u fil-fatt mir-relazzjoni taghha ma’ terza persuna jidher li llum hija kellha wild iehor u ghal dawn ir-ragunijiet qed tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

“2. Tastjeni milli tiehu konjizjoni ta’ din it-talba *stante* li llum Rodrick huwa maggorenni;

“3. Tichad din it-talba *stante* li l-istess iben tal-kontendenti sar maggoren[n]i, u wkoll qed jigu applikati kontra l-attrici u kontra l-konvenut rispettivament id-dispozizzjonijiet tal-artiklu 48 tal-Kap 16 kkundanna *in toto* (*sic*);

“4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti u tillikwida u tassenja li-istess komunjoni fis-sens segwenti:-

Illi l-fond Flat 2, Square View, Curate Schembri Street, Mosta, stmat li jiswa hamsa u tletin elf lira Maltija (Lm35,000), l-Qorti tordna li l-iostess *flat* bil-pussess vakanti tieghu u bl-ghamara kollha ta’ gjo fih, (liema ghamara ma gietx identifikata mill-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet), ghandhom jigu mibjugha b’subbasta u mir-rikavat ta’ l-istess l-attrici ghandha l-ewwel tigi kkonsenjata l-ammont ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300) rapprezentanti valur tal-karozza Skoda ffissat minn din il-Qorti *arbitrio boni viri* (liema karozza qed tigi assenjata lill-konvenut) u l-bilanc mir-rikavat ghandu mbaghad jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

“Illi dwar id-depoziti bankarji li kienu jezistu qabel ma l-partijiet infirdu *de facto* u ghadhom ezistenti llum, inkluzi l-istess depoziti bankarji li jissemmew fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2001 quddiem l-Assitenta Gudizzjarja a fol. 64 tal-

process, l-attrici ghandha tiehu l-ewwel is-somma ta' tlett mit[t] lira Maltija (Lm300), u l-bilanc kollu mill-istess depoziti ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkonsenjat il-karozza Skoda li gjà tinsab ghandu, b'dan li l-attrici ghandha tithallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) bhala kumpens ghal sehma mill-istess, u dawn ghandhom jithallsu kif inghad iktar 'il fuq minn prelevament mit-tikavat tal-bejgh in subbasta tal-fond immobbli gl-ghamara u attrezzi kollha ta' gjo fih.

"Illi l-istess attrici ghandu tiehu bhala beni parafernali kemm il-vazuni, statwa ta' kelb, vazun tac-cinizi u tlett statwi li ghad jinsabu fid-dar konjugali fil-pussess tal-konvenut, li ghandu fi zmien gimghatejn mill-lum jikkonsenja l-istess lill-attrici, u wkoll ghandhom jigu kkonsenjati lill-istess attrici l-oggetti tad-deheb li jikkonsistu f'gizirana, cpiepet, msielet, lira tad-deheb u oggetti ohra li jinsabu f'*safe deposit box* fil-*Bank of Valletta p.l.c.* ta' Wied il-Ghajn u ghal dan l-iskop tordna li l-konvenut ghandu jghaddi c-cavetta ta' l-istess depozitu lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta' gimghatejn mid-data ta' din is-sentenza u tordna li kopja legali ta' din l-istess decizjoni tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess fergha tal-bank hawn imsemmija, sabiex l-istess bank jaderixxi ruhhu ma' l-istess u jikkonsenja l-istess *safe deposit box* lill-attrici.

"5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' gimghatejn mill-llum jikkonsenja lill-attrici [l-]oggetti kollha fuq elenkati f'din is-sentenza konsistenti fil-vazuni, statwa ta' kelb, vazun tac-cinizi u tlett statwi li ghad jinsabu fid-dar konjugali fil-pussess tal-konvenut, flimkien ma' l-oggetti tad-deheb li jikkonsistu f'gizirana, cpiepet, msielet, lira tad-deheb u oggetti ohra li jinsabu depozitati f'*safe deposit box* fil-*Bank of Valletta p.l.c.* ta' Wied Ghajn, u c-cavetta ghall-istess *safe deposit box* fil-*Bank of Valletta p.l.c.* ta' Wied il-Ghajn u dan bhala proprjetà parafernali ta' l-attrici.

"Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn jidher li l-partijiet ilhom involuti fi proceduri ta’ separazzjoni ghall-iktar minn seba’ (7) snin fejn jidher li fis-26 ta’ Awissu 1996 gjà kien hemm digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li gie renovat fl-10 ta’ Ottubru 1997 u 19 ta’ Dicembru 1997. Il-kawza odjerna giet prezentata fis-26 ta’ Dicembru 1997, u l-partijiet xorta wahda jidher li ma rrangawx il-pendenzi ta’ bejn iethom, u ma waslux ghal separazzjoni bonarja, u dan jidher li sar ghad-dannu taghhom stess u ghall-istess binhom minuri Rodrick li llum huwa maggorenni, ghaliex meta giet istitwieta l-kawza kellu gjà tnax il (12)-sena.

“Illi fil-fatt jidher li minkejja n-nomina ta’ l-Assistant Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-23 ta’ Mejju 2000 (minn din il-Qorti diversament presjeduta), saru biss erba’ (4) seduti datati 16 ta’ Gunju 2000, 23 ta’ Novembru 2000, 5 ta’ Frar 2001 u 5 ta’ Marzu 2001 u fl-istess seduti kull ma nstemghet kienet biss ix-xhieda ta’ l-attrici, ta’ ommha Mary Micallef u tal-konvenut. Mill-bqija ma kien hemm xhieda ta’ xejn hlief noti u noti ta’ osservazzjonijiet. Din il-Qorti thoss li kieku ma kienitx ghall-pika tal-partijiet fil-kawza, din il-kawza setghet facilment tigi tranzatta fis-sens li l-partijiet jaslu ghal ftehim ta’ separazzjoni bonarja, izda jidher li hadd mill-partijiet ma ried dan u forsi din il-Qorti thoss li f’kawzi bhal dawn il-process ta’ medjazzjoni kien certament jghin, flimkien mal-pariri tad-difensuri rispettivi, li din il-Qorti certa li ma naqsux.

“Illi intant jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Novembru 1983 u kellhom tifel Roderick li twieled fil-5 ta’ Mejju 1985. Illi wara li ezaminat ix-xhiedha kollha prodotta din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok u qabel kollox jirrizulta li l-konvenut kien fl-ewwel lok responsabbli ghall-firda li sehhet bejn il-partijiet fejn kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, mohqrija, u ingurji gravi u dan peress li l-istess konvenut kien konsistenement jinjora lill-attrici f’dak kollu li kien jaghmel, kien anke jaghmel jiem ma jersaq[x] lejn id-dar, u kien ukoll isawwat lill-martu, anke.quddiem ommha, b’dan li minhabba din il-vjolenza domestika l-attrici kienet kostretta tabbanduna d-dar ma’ binha, u tmur toqghod ma’

ommha. Il-Qorti fil-fatt thoss li ix-xhieda moghtija mill-attrici, hija mhux biss korroborata mix-xhieda ta' ommha, izda hija wkoll iktar verosimili, meta wiehed jikkonsidra wkoll l-fatt li l-istess attrici kellha titlaq mid-dar b'binha u halliet kull ma kellha warajha, u l-konvenut fil-mori tal-kawza baqa' jgawdi kollox huwa. Fil-fatt lanqas accetta li l-istess proprjetà mmobbli almenu l-istess attrici jkollha xi sehem minnha, tenut kont li l-istess fond immobiljari jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u dan minkejja l-fatt li l-istess konvenut jistqarr li l-partijiet ilhom separati *de facto* mill-15 ta' Lulju 1996.

"Illi huwa veru li l-istess konvenut jikkontesta dan kollu, specjalment li huwa sawwat lil martu, izda din il-Qorti wara li ezaminat fil-fond ix-xhieda tieghu ma thossx li l-istess xhieda tieghu hija kredibbli. illi fil-fatt l-istess konvenut allega wkoll li waqt li kienet mieghu hija bdiet tara ragel iehor, u fil-fatt semma' diversi persuni li skond huwa setghu jikkonfermaw dan, bhal per ezempju l-Assistant Kummissarju Joseph Brincat u [s-]sid ta' *Ta' Kolina* Restaurant, Giljan Agius, izda huwa l-ebda wiehed ma ressaq minnhom bhala xhud sabiex jippruvaw l-allegazzjonijiet tieghu, u din il-Qorti thoss li l-istat tal-provi kif imressqa mill-attur ma wasslux sabiex jippruvaw dak minnu allegat, anke peress li huwa naqas li jikkorobora l-istess xhieda, xhieda li fuq kollox hija kontradetta mill-attrici u minn ommha bl-aktar mod skjett, u wkoll peress li huwa naqas li jressaq l-ahjar prova, meta ma jidhirx li kellu l-ebda ostakolu sabiex jaghmel dan; *in verità* kellu kull opportunità f'dawn is-snin kollha tal-kawza sabiex jaghmel dan izda ghal xi raguni, li jaf huwa biss, naqas li jressaq tali xhieda minnu stess imsemmija, u dan meta kien gjà jaf li kontra tieghu kien hemm ix-xhieda ta' l-attrici u ta' ommha, liema xhieda ta' l-istess ma halliet l-ebda dubju dwar is-sinifikat ta' l-istess.

"Illi fil-fatt jirrizulta però lill din il-Qorti li l-attrici kienet kostrett[a] titlaq mid-dar konjugali taghha minhabba li hija giet imsawwta mill-konvenut, u dan ghal diversi snin tul il-hajja konjugali ta' bejniethom u kien biss wara li marret tghix ghandh ommha li hija kellha relazzjoni ma' ragel iehor u fil-fatt tammetti li anke kellha tarbija minnu.

Sadanittant hija xorta baqghet tiehu hsieb u tmantni lil binha, u l-konvenut baqa' jghix fid-dar konjugali bil-kumditajiet kollha ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin.

"Illi ghalhekk *in vista* ta' dan kollu l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li qed jigi ddikjarat li mill-provi prodotti jirrizulta li l-agir tal-konvenut kien li wassal ghal din il-firda ta' bejn il-partijiet u dan minhabba sevizzi, mohqrija y ngurji gravi inkluzi wkoll vjolenza domestika pperpetwata minnu fuq martu, li kkonstringew lill-attrici li tabbanduna ghal raguni valida d-dar konjugali - b'konsegwenza ta' dan kollu l-hajja konjugali bejn il-konjugi saret impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment. Illi fit-tieni lok waqt li l-istess partijiet kienu separati *de facto* jirrizulta li l-attrici [I]rendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta' adulterju u fil-fatt mir-relazzjoni taghha ma' terza persuna jidher li llum kellha wild iehor.

"Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jidher li din tikkonsisti principalment fil-fond Flat 2, Square View, Curate Schembri Street, Mosta, stmat li jisma hamsa u tletin elf lira Maltija (Lm35,000), u l-Qorti tordna li l-istess *flat* bl-ghamara kollha ta' gjo fih, lioema ghamara ma gietx identifikata mill-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet, ghandha tigi mibjugha b'subbasta u mir-rikavat ta' l-istess l-attrici ghandha tigi kkonsinjata l-ammont ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) rapprezentanti sehem l-attrici mill-valur tal-karozza Skoda ffissat minn din il-Qorti *arbitrio boni viri* (liema karozza qed tigi assenjata lill-konvenut) u l-bilanc mir-rikavat ghandu mbaghad jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

"Illi dwar id-depoziti bankarji li kien jezistu qabel ma l-partijiet infirdu *de facto* u ghadhom ezistenti llum, inkluzi l-istess depoziti bankarji li jissemmew fis-sebuta tal-5 ta' Marzu 2001 quddiem l-Assistant Gudizzjarju a fol. 64 tal-process, l-attrici ghandha tiehu l-ewwel is-somma ta' tlett mit[t] lira Maltija (Lm300), u l-bilanc kollu mill-istess depoziti ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Din is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) qed tinghata lill-attrici *stante* li l-konvenut ammetta li minn depozitu partikolari huwa ha s-somma ta' sitt mitt lira Maltija

(Lm600) u l-attrici hadet biss is-somma ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300).

“Illi l-konvenut ghandu jigi kkonsenjat il-karozza Skoda li gjà tinsab ghandu, b’dan li l-attrici ghandha tithallas is-somma ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300) bhala kumpens ghal sehma mill-istess, u dawn ghandhom jithallsu kif inghad iktar ’il fuq minn prelevament mir-rikavat tal-bejgh in subbasta tal-fond immobbli bl-ghamara u attrezzi kollha ta’ gjo fih.

“Illi l-istess attrici ghandha tiehu bhala beni parafernali kemm il-vazuni, statwa ta’ kelb, vasun tac-cinizi u tlett istatwi li ghad jinsabu fid-dar konjugali fil-pussess tal-konvenut, li ghandu fi zmien gimghatejn mill-lum jikkonsenja l-istess lill-attrici, u wkoll ghandhom jigu kkonsenjati lill-istess attrici l-oggetti tad-deheb li jikkonsistu f’gizirana, cpiepet, msielet, lira tad-deheb u oggetti ohra li jinsabu depozitati f’*safe deposit box* fil-*Bank of Valletta p.l.c.* ta’ Wied il-Ghajn u ghal dan l-iskop tordna li l-konvenut ghandu jghaddi cavetta ta’ l-istess depozitu lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta’ gimghatejn mid-data ta’ din is-sentenza u tordna li kopja legali ta’ din l-istess decizjoni tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess fergha tal-bank hawn imsemmija, sabiex l-istess bank jaderixxi ruhu ma’ l-istess u jikkonsenja l-istess *safe deposit box* lill-attrici.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
“… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tielet talba attrici u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ certi talbiet, u tirrevokaha in kwantu laqghet xi whud mit-talbiet ta’ l-attrici, fosthom l-ewwel talba attrici u applikat kontra l-esponent id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kap. 16, u tirrevokaha u thassarha in kwantu ordnat il-bejgh tal-fond Flat 2, Square View, Curate Schembri Street, Mosta, bl-ghamara kollha ta go fih, liema ghamara ma gietx identifikata, u thassar ukoll dik il-parti tas-sentenza li biha inghataw ordnijiet li ghandhom jigu mwettqa fi zmien hmistax-il gurnata mis-

sentenza kif ukoll dwar il-hlas ta’ flus lill-attrici, joghgobha tghaddi biex tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.”

Rat illi ma jirrizultax illi l-attrici ipprezentat risposta ghall-appell tal-konvenut;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma espressi bil-mod segwenti fir-rikors ta’ appell (fol. 131):
“Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, is-sentenza appellata (i) ma fihiex apprezzament korrett tal-fatti tal-kaz, (ii) hija nieqsa minn valutazzjoni korretta dwar kredibbilità u (iii) ma tiddisponix b’mod sewwa u gust mit-talbiet attrici”;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami ta’ dak illi jinghad mill-appellant fir-rikors ta’ appell, bl-iskop illi jsostni l-ewwel zewg (2) aggravji tieghu hawn fuq riportati, jemergi illi dawn l-aggravji bazikament jammontaw ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi illi taghmel qorti ta’ l-ewwel grad fis-sentenza taghha sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji sabiex dan id-disturb isir. Dina l-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz odjern hemm lok ta’ apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti *in vista* tal-konsiderazjonijiet segwenti:

(1) dina l-Qorti permezz ta’ digriet tat-tletin (30) ta’ Dicembru, 2005 laqghet talba tal-konvenut sabiex ikun jista’ jipproduci provi godda;
(2) dina l-Qorti hija konvinta illi meta l-ewwel Qorti ippronunzjat is-sentenza appellata ma kellhiex ghad-

dispozizzjoni taghha it-traskrizzjoni tad-depozizzjoni illi ghamel il-konvenut waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-Avukat Dottor Mariella Gonzi, fit-tletin (30) ta’ Ottubru, 2002. In segwitu ghal ordni ta’ dina l-Qorti, din it-traskrizzjoni giet esebita mill-imsemmija Dottor Gonzi waqt l-udjenza mizmuma fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar, 2006;

(3) minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti tat affidament lil dak illi xehdu l-attrici u ommha u ma emmnitx lill-konvenut filwaqt illi, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, mehuda in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, komprizi dawk imsemmija f’ (1) u (2) hawn fuq, il-konvenut huwa aktar affidabbli mill-attrici u minn ommha;

Dina l-Qorti sejra issa telenka uhud mir-ragunijiet illi wassluha ghall-konkluzjoni imsemmija fil-konsiderazzjioni (3):

(i) ma tistax taghti affidament lill-attrici meta jirrizulta illi hija tat verzjonijiet differenti dwar id-durata ta’ l-allegata assenza tal-konvenut mid-dar matrimonjali. Infatti, meta l-attrici kienet qed tixhed waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru, 2000, qalet hekk b’riferenza ghall-konvenut (fol. 29):

“Gieli kien jaghmel anke <u>sa xahar</u> assenti mid-dar” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

imbaghad lill-attrici - meta kienet qed terga’ tixhed minn jeddha waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-hamsa (5) ta’ Frar, 2001 - saritilha s-segwenti domanda mid-difensur taghha (fol. 43):

“[Il-konvenut] Gieli ghamel xahar ma jigiex?”;

hija wiegbet:

“Gieli ghamel <u>xi tlett ijiem</u> ma jersaq lejn id-dar” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

immedjatament wara, id-difensur ta’ l-attrici saqsieha:

“U kien javzak?”;

u hija wiegbet:

“Le. Jew inkella kien jigi u kien jara ma’ xiex kien ser jaqbad … u kien jaqbad u jmur <u>ghal xi gimgha</u>.

Imbaghad meta kien jigi lura kont nghidlu fejn kont f'din il-gimgha shiha …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

(ii) l-attrici u ommha ma jaqblux dwar fattur importanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna: meta bdiet ir-relazzjoni ta' l-attrici ma' ragel iehor. Infatti, waqt illi l-attrici kienet qed tixhed quddiem l-Assistent Gudizzjarju fit-23 ta' Novembru, 2000 qalet hekk (fol-30):
"Minn meta bdejt nghix mal-*mummy* wara sena u nofs, ltqajt ma' ragel Chalie [*sic*] Camilleri …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

fit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni ta' omm l-attrici - illi ukoll xehdet fit-23 ta' Novembru, 2000 - hemm registrat hekk (fol. 36):
"Avukat: Meta bdiet ikollha relazzjoni ma' Charles Camilleri?

"Mary Micallef: Meta kienet qed tghix ghandi. …

"Avukat: Meta kien imma mil[l]-ewwel li telqet mid-dar, ftit wara jew sena wara li kienet telqet mid-dar?

"Mary Micallef: Nahseb xi sitt xhur wara.

"Avukat: Jigifieri xi sitt xhur wara kienet iltaqet ma' dan Charles.

"Mary Micallef: Kienet qaltli li ghandi [*recte*: ghandha] guvni li kien il-*boyfriend* taghha …" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Kieku kienet omm l-attrici illi qalet illi l-imsemmija relazzjoni bdiet sena u nofs wara illi l-attrici giet toqghod maghha u l-attrici qalet illi din ir-relazzjoni bdiet sitt xhur wara, wiehed seta' b'xi mod jikkongettura illi din id-diskprepanza hija dovuta ghall-fatt illi l-attrici ma infurmatx lil ommha bl-imsemmija relazzjoni immedjatament kif bdiet, izda d-diskrepanza illi temergi mid-depozizzjonijiet ta' l-attrici u ta' ommha ma hijiex hekk spjegabbli jew skuzabbli;

(iii) dina l-Qorti issibha stramba illi, ghalkemm l-attrici xehdet illi kienet tigi imsawta regolarment minn zewgha u illi, f'certi okkazjonijiet ta' swat, ghamlet rapport lill-Pulizija u, f'okkazjoni minnhom, marret f'*Polyclinic*, l-attrici ma esebietx kopji ta' rapporti illi ghamlet lill-Pulizija jew ta' certifikati medici u ma pproduciet ebda membru tal-korp tal-Pulizija jew tabib bhala xhud sabiex tissostanzja l-asserzjonijiet u allegazzjonijiet taghha;
(iv) fil-fehma ta' dina l-Qorti l-konvenut, kemm meta xehed minn jeddu u kemm meta gie kontro-ezaminat, kien pjuttost preciz, konsistenti, skjett u dirett (ghalkemm spiss verbuz). Ghalhekk, ma hemm ebda raguni ghaliex il-konvenut ma ghandux jigi emmnut;

Dan stabbilit, dina l-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti ma jinsabx pruvat illi l-konvenut huwa b'xi mod responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti. Dak illi jirrizulta, *invece*, huwa illi dan iz-zwieg sfaxxa minhabba l-infedeltà ta' l-attrici. F'dan ir-rigward, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi temmen lill-konvenut kwantu ghal dak illi huwa xehed dwar ir-relazzjoni adultera ta' l-attrici ma' l-imsemmi Charles Camilleri, jigifieri illi din ir-relazzjoni bdiet ferm qabel ma l-attrici iddecidiet illi tabbanduna d-dar matrimonjalu u illi tmur tghix fid-dar ta' ommha;

Ikkunsidrat:

Minn dak illi inghad sa issa huwa evidenti illi l-ewwel zewg (2) aggravji tal-konvenut huma fondati u illi, ghalhekk hemm lok ghar-riforma tas-sentenza appellata kwantu ipprovdiet dwar l-ewwel (1) u dwar it-tielet (3) talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju tal-konvenut huwa illi, fi kliem ir-rikors ta' appell "is-sentenza appellata … ma tiddisponix b'mod sewwa u gust mit-talbiet attrici". Minn dak illi jinghad fir-rikors ta' appell taht l-intestatura "<u>Is-sentenza appellata ma tiddisponix b'mod sewwa u gust mit-talbiet attrici</u>" (fol. 135-136) jidher illi l-konvenut qed jillimita l-aggravju tieghu in ezami ghal dak illi s-sentenza appellata

ipprovdiet dwar id-divizjoni ta’ l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. L-ilmenti relativi tal-konvenut huma:
(a) illi l-ewwel Qorti “… ma kellhiex tordna il-bejgh tad-dar [konjugali]”;
(b) illi l-ewwel Qorti “… ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi wara li [l-attrici] telqet mid-dar, huwa hallas aktar minn sitt elef lira (Lm6,000) lil HSBC Bank Malta p.l.c. fuq il-*house loan*”;
(c) fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“… b’riferenza ghall-ordnijiet li skond is-sentenza ghandhom jigu mwettqa fi zmien hmistax-il gurnata mid-data taghha, l-esponent jissottometti li dak li gie ordnat ma jistax jitwettaq f’kull kaz. Dan ghaliex l-attrici digà hadet id-deheb taghha (gizirana, cpiepet, imsielet, ecc). L-esponent ma jaf bl-ebda lira tad-deheb.

“Illi rigward is-*safe custody box*, l-Ewwel Qorti ma kienitx gustifikata li tordna li kulma hemm fiha kellha tiehdu l-attrici, minghajr ma l-ewwel tkun ikkonstatat x’hemm tassew fiha”;

L-ilment (a) mhux gustifikat ghaliex, la darba l-konvenut mhux qed jikkontesta l-validità tax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, fl-assenza ta’ talba maghmula *ai termini* ta’ l-artikolu 55A tal-Kodici Civili mill-partijiet jew minn wiehed jew wahda minnhom, l-ewwel Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz, kienet gustifikata illi tordna l-bejgh tad-dar konjugali;

Anqas l-ilment (b) ma huwa gustifikat ghaliex, apparti konsiderazzjonijiet ohra, fl-atti tal-kawza ma hemmx prova konkluziva - senjatament permezz ta’ *statement* tal-bank illi ipprovda l-*house loan* in kwistjoni - dwar x’pagamenti saru mill-konvenut in rifuzjoni ta’ din il-*loan* wara illi l-konvenuta telqet mid-dar konjugali;

Kwantu ghall-ilment (c), mill-mod kif huwa redatt, jidher illi l-appellant mhux qed joggezzjona ghal dik il-parti tas-sentenza illi tipprovdi hekk (fol. 125):
“Illi l-istess attrici ghandha tiehu bhala beni parafernali kemm il-vazuni, statwa ta’ kelb, vazun tac-cinizi u tlett statwi li ghad jinsabu fid-dar konjugali fil-pussess tal-

konvenut, li ghandu fi zmien gimghatejn mill-lum jikkonsenja l-istess lill-attrici …”;

jidher, ghalhekk, illi dan l-ilment huwa limitat ghall-kontenut tas-*safe deposit box*. Dina l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-oggetti illi jinsabu f’din il-kaxxa huwa parafernali ta’ l-attrici ghaliex huma l-attrici u ommha illi jallegaw dan filwaqt illi l-konvenut jikkontendi illi jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti u, kif già inghad, dina l-Qorti tati affidament lill-konvenut u mhux lill-attrici u lil ommha. F’dan ir-rigward huwa utili illi jigi rilevat illi l-artikolu 1321(1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi:
“Il-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort’ohra”;

Kwantu ghas-*safe deposit box*, tajjeb illi jigi rilevat illi c-cavetta taghha giet esebita - markata Dok. SDB 1 u tinsab f’*envelope* bejn *folios* 74 u 75 - mill-attrici waqt s-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-30 ta’ Ottubru, 2002 u, konsegwentement, mhux il-kaz illi, kif jinghad fis-sentenza appellata, il-konvenut jigi ordnat illi jikkonsenja din ic-cavetta lill-attrici. Konsegwentement, sejjer isir l-aggustament mehtieg fid-dispositiv ta’ dan il-gudikat;

Fl-ahharnett, tajjeb illi jigi rilevat ukoll illi, kwantu ghall-karozza Skoda illi tissemma fis-sentenza appellata, jirrizulta illi fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut kien partatha ma’ karozza ohra u, konsegwentement, anke f’dan ir-rigward, hemm bzonn ta’ aggustament fid-dispositiv ta’ dan il-gudikat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:
(1) tirrevokaha kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut;
(2) kwantu ghall-provvediment dwar l-ewwel (1) talba attrici, tirrevokaha <u>biss</u> kwantu iddikjarat illi “kien principalment l-agir tal-konvenut li wassal ghal din il-firda ta’ bejn il-partijiet u dan minhabba sevizzi, mohqrija u

ngurji gravi inkluzi wkoll vjolenza domestika pperpetwata minnu fuq martu, li kkonstringew lill-attrici li tabbanduna ghal raguni valida d-dar konjugali" u "Illi fit-tieni lok waqt li l-istess partijiet kienu separati *de facto* jirrizulta li l-attrici rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta' adulterju u fil-fatt mir-relazzjoni taghha ma' terza persuna jidher li llum hija kellha wild iehor" u, minflok, tiddikjara illi l-kawza tas-separazzjoni hija l-adulterju ta' l-attrici perpetrat meta l-kontendenti kienu ghadhom qed jikkoabitaw;

(3) kwantu ghal dak illi ipprovdiet dwar it-tielet (3) talba, tirrevokaha biss kwantu applikat kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kap. 16;

(4) kwantu ghall-provvediment dwar ir-raba' (4) talba attrici, tirrevokaha kwantu ordnat illi "u wkoll ghandhom jigu kkonsenjati lill-istess attrici l-oggetti tad-deheb li jikkonsistu f'gizirana, cpiepet, msielet, lira tad-deheb u oggetti ohra li jinsabu depozitati f'*safe deposit box* fil-Bank of Valletta p.l.c. ta' Wied il-Ghajn u ghal dan l-iskop tordna li l-konvenut ghandu jghaddi c-cavetta ta' l-istess depozitu lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta' gimghatejn mid-data ta' din is-sentenza u tordna li kopja legali ta' din l-istess decizjoni tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess fergha tal-bank hawn imsemmija, sabiex l-istess bank jaderixxi ruhhu ma' l-istess u jikkonsenja l-istess *safe deposit box* lill-attrici" u, minflok, tiddikjara illi l-kontenut tas-*safe deposit box* fuq imsemmija jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna illi l-istess kontenut ghandu jigi diviz b'mod ugwali bejn il-kontendenti, liema divizjoni ghandha ssir bl-assistenza ta' l-Avukat Dottor Robert Mangion, illi qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjes ta' l-attrici, b'dan illi huwa awtorizzat illi jirtira c-cavetta esebita bhala dokument SDB 1, u tirriformaha fis-sens illi minflok il-kelma "Skoda", kull fejn tirrikorri, jidhlu l-kliem "il-karozza illi akkwista l-konvenut bi tpartit mal-karozza Skoda", u tikkonfermaha ghall-kumplament, b'dan illi t-terminu ta' gimghatejn stabbilit ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

(5) kwantu ghall-provvediment dwar il-hames (5) talba attrici, tirrevokaha biss kwantu ikkundannat lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici "l-oggetti tad-deheb u oggetti ohra li jinsabu depozitati f'*safe deposit box* fil-Bank of Valletta p.l.c. ta' Wied il-Ghajn";

(6) tirrevokaha kwantu ipprovdiet dwar l-ispejjes u, minflok, tordna illi l-ispejjes ta’ l-ewwel istanza jigu sopportati kollha mill-attrici;
(7) tikkonfermaha ghall-kumplament;

Tordna illi l-ispejjes ta’ dan l-appell jigu sopportati kollha mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------